**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

19 ta' Mejju 2024

# Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Erbgħin jum wara l-Għid il-Kbir iċċelebrajna l-festa ta' Lapsi jew Tlugħ is-Sema tal-Mulej, u issa ħamsin jum wara qed niċċelebraw l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq Marija u l-Appostli waqt li kienu miġbura flimkien fiċ-Ċenaklu, f'jum *Pentecoste*, li bil-Grieg tfisser appuntu ħamsin (ġurnata), jew kif nafuha aħna, Għid il-Ħamsin. Dan hu Għid ieħor, fis-sens ta' "mogħdija", għax bħalma fl-Għid il-Kbir bis-saħħa ta' Kristu aħna ngħaddu mill-mewt għall-ħajja, f'dan il-Għid, bis-saħħa tal-Ispirtu Qaddis tiegħu, aħna ngħaddu mill-ħajja tal-ġisem, għall-ħajja fl-ispirtu. U kemm għandna bżonn ngħixu ħajja hekk!



San Pawl fl-Ittra lil Galatin 5,16-25 jgħidilna li kieku aħna ngħixu fl-Ispirtu li jagħtina Alla, u nħallu lilu jmexxina, kieku ma naqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem, u jirnexxilna nagħmlu t-tajjeb kollu li nixtiequ nagħmlu. Jekk imexxina l-Ispirtu s-Santu fl-għażliet tagħna, aħna jirnexxilna ngawdu minn ħafna riżultati tajbin, li huma l-frott tal-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa u r-rażan. Ejjew f'dawn il-ġranet nitolbuh ħalli bis-seba' doni tiegħu jgħinna nirbħu dawk is-seba' vizzji ta' ġisimna li mhux iħalluna nagħmlu t-tajjeb kollu li nixtiequ, u l-biża' t'Alla tirbaħ il-gula, il-pjetà tirbaħ ir-rabja, ix-xjenza tirbaħ il-kilba sesswali, il-kunsill jirbaħ ir-regħba, il-qawwa tirbaħ l-għażż, l-intellett jirbaħ l-għira u l-għerf jirbaħ is-suppervja tagħna.

**AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI:**

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju. Trasport lejn l-Għarb fit-3:30pm. Quddiesa fil-Bażilika fl-4:00pm u vista fil-Mużew. Wara żjara fid-Dar Karmni Grima u kafè flimkien. Ikla u tombla fil-Kunvent Restaurant. Inkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**KORSIJIET FIS-SAJF** fid-drama, mużajk u line dancing. Jibdew minn Lulju. Min hu interessat jinkiteb sal-15 ta' Ġunju. Aktar dettalji mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**AVVIŻI:**

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju fil-5:30pm fil-playing field tal-Ħali.

**ĠENITURI TAT-TFAL TAT-TQARBINA U L-GRIŻMA:** Infakkrukom fl-aħħar laqgħa għall-ġenituri li se jressqu lil uliedhom għas-Sagramenti tat-Tqarbina u l-Griżma, **nhar il-Ġimgħa** 17 ta' Mejju, fis-Sala Parrokkjali, flimkien ma' Dun Krystof Buttigieg, fis-7.00pm

**VELJA DJOĊESANA TA' PENTEKOSTE nhar is-Sibt** 18 ta' Mejju, fit-8.00pm ser ningħaqdu mad-djoċesi kollha flimkien mal-Isqof tagħna u n-Nunzju Appostoliku ta' Malta għall-Velja ta' Pentekoste ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu. Għad baqa' ftit postijiet għal min jixtieq jinqeda bit-trasport tagħna: ċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali. Nitilqu minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.15pm.

**FESTA TAT-TWELID TA' SAN PIJU:** nhar is-Sibt 25 ta' Mejju fil-knisja tal-Kapuċċini. Fis-6:15pm ir-Ružarju u fis-7:00pm il-Quddiesa mmexxija mill-Isqof Joe Alessandro OFM Kap.

**QRAR KULL NHAR TA' ERBGĦA:** Il-ħinijiet se jibdew ikunu **mill-5.30pm sas-7.30pm, fil-Kappella tal-Adorazzjoni**. Nistednukom iżżommu dan l-appuntament li fih jerġa' jitħeġġeġ l-Ispirtu ta' Alla li hemm ġo fina ħalli jgħinna nitbiegħdu mill-ħażen u nirnexxu fit-tajjeb.

**IL-QUDDIESA TAL-11:00AM TA' NHAR IL-ĦADD 26 TA' MEJJU:** se tkun fis-Sala Parrokkjali peress li fil-knisja Bażilika se tiġi ċċelebrata l-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina.

B'ferħ kbir, id-djoċesi tagħna qiegħda tħabbar **l-ordinazzjoni presbiterali** ta' **Franklin Micallef** mill-parroċċa ta' Kerċem, li din is-sena qed jaqdi fil-parroċċa tagħna. Bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tiegħu ser issir **Velja ta' Talb**, nhar **il-Ħamis, 23 ta' Mejju fit-8.00p.m.** fl-Anfiteatru ta' Villa Rundle. L-Ordinazzjoni presbiterali ser issir l-għada, **il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju fis-6.30p.m.** fil-Katidral.

***Filwaqt li minn qalbna nawgurawlu, inwegħduh it-talb tagħna.***



**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am